# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **181/2019**

**RCC CO. LIMITED** [REG. NRU. C-73641] **DEBITAMENT RAPPREZENTATA MINN CLIVE CIAPPARA, DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ NUMRU 78989M, FIL-KAPACITÀ TIEGHU TA' DIRETTUR, RAPPREZENTANT LEGALI U GUDIZZJARJU TAS-SOCJETÀ RCC CO. LIMITED**

***VERSUS***

**ZEPAN MOUHAMMED**
[K.I. NRU. 25019A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-16 ta' Lulju, 2019 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, sitta u erbghin ewro u hamsin centezmi (€2,046.50c) rapprezentanti bejgh u konsenja ta' prodotti ta' kisi, tibjid, zebgha u ghoddod lill-istess konvenut, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali numru 809/2019 u tal-mandat ta' sekwestru numru 568/2019, entrambi datati 25 ta' Marzu, 2019 u kif ukoll l-imhaxijiet legali

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi dirigent u/jew xi difensur ghan-nom tieghu ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxix il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 11), il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, l-istess konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu jew ghan-nom tieghu ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fl-udjenzi li kienu jmissu wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali ghan-nom tieghu biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici f'tali udjenzi sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-imsemmija udjenza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa flimkien ma' l-att promotur (ara *a foll*. 3–4) u ta' dak dikjarat bil-gurament mir-rapprezentant ta' l-attrici (Clive Ciappara) fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru, 2019 u cioé: "*Deher Clive Ciappara, direttur fi hdan is-Socjeta' Attrici, illi bil-gurament ikkonferma illi s-Socjeta' Attrici hi kreditrici fil-konfront tal-Konvenut fl-ammont ta' EUR2046.50 u li l-ebda ammont akkont ma thallas mill-Konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri u li ghalhekk l-imsemmi ammont ghadu interament dovut. L-istess Clive Ciappara ikkonferma bil-gurament l-istatement ezebit a fol.3 u a fol.4 tal-atti u anke l-kontenut tal-Avviz tat-Talba.*"

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjetà attrici. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba tal-kumpannija attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-istess attriċi s-somma ta' elfejn, sitta u erbgħin ewro u ħamsin ċentezmi (€2,046.50c), bl-imgħaxijiet fuq tali ammont bir-rata ta' 8% fis-sena jibdew jiddekorru mis-16 ta' Lulju, 2019 (data tal-preżenti sejħa ġudizzjarja) sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk marbuta ma' l-ittra uffiċjali numru 809/2019 u mal-mandat ta' sekwestru numru 568/2019, entrambi datati 25 ta' Marzu, 2019, kif mitlub fl-att promotur, huma a kariku tal-konvenut.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Ġudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Reġistratur*